VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 178 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)
Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni (Portijiet Ħielsa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu the Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni (Portijiet Ħielsa).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2012.

Emenda tal-leġislazzjoni fl-Iskeda.

2. Il-leġislazzjoni msemmija fl-Ewwel Kolonna tal-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett skont l-emendi speċifikati fit-Tieni Kolonna tagħha:

SKEDA
Emenda tal-leġislazzjoni

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Liġi	*Emenda*
Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, Kap. 334	1. Minnufih wara t-tifsira "preskritt" fl-artikolu 2(1) għandha tiżdied it-tifsira li ġejja: " "Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, ". Kap. 490 2. L-artikolu 20(2) għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej: "(2) Kull persuna tista' tressaq appell minn deċiżjoni tal-Awtorità jew lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 21(1) f'għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika ta' deċiżjoni bħal din.". 3. L-artikolu 21 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Tribunal tar-Reviżjoni Ammininistrattiva.

21. (1) It-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma u jiddeċiedi kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' xi ftehim taħt dan l-Att jew id-drittijiet ta' xi parti taħt dan l-Att jew l-eżerċizzju mill-Awtorità ta' xi setgħa vestita fiha b'dan l-Att (ħlief għall-materji maħsubin fl-artikoli 8, 9, 10 u 13).

Kap. 490

(2) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, sa fejn japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċediment quddiem l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni pubblika" f'dak l-Att għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-Awtorità.

Kap. 490

Kap. 325

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal għal kull proċediment pendenti quddiem il-Bord ta' Appelli kostitwit taħt l-artikolu 28 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozju u kull proċediment għandu jiġi assenjat lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 25 imsemmi hawn qabel b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2012.".